MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 396/2010

**Gaming VC Corporation Limited - numru ta' reġistrazzjoni C40551**

**vs**

**1. Boss Media Malta Casino Ltd – numru ta' registrazzjoni - 40930 u**

**2. Boss Media AB, reġistrata ġewwa l-Isvezja - numru ta' registrazzjoni ufficjali 556400-0353 u**

**3. St. Minver Limited, registrata gewwa Gibilta' - numru ta' registrazzjoni ufficjali 84248**

**u b'digriet tal-24 ta' Gunju 2010 Michael Bennet gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-**

**kumpannija estera GTECH, registrata gewwa l-Istati Uniti**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' Gaming VC Corporation Limited fejn gie premess:-

Illi l-kumpannija rikorrenti hija kumpannija registrata Malta u sussidjarja tal-kumpannija estera Gaming VC Holdings SA, kumpannija rregistrata l-Lussemburgu bin-numru ta' registrazzjoni B104348.

Illi l-kumpannija rikorrenti Gaming VC Corporation Limited hija licenzjata mill-Awtorita' Maltija li tirregola l-loghob fuq l-internet (Lotteries and Gaming Authority jew LGA) biex tipprovdi servizzi ta' loghob ta' online casino permezz ta' l-internet fost ohrajn taht il-marka Casino Club u li ghal dan il-ghan topera is-sit elettroniku www.casinoclub.com taht licenzja mahruga mill-istess Lotteries and Gaming Authority ta' Malta.

Illi l-marka Casino Club operata mill-kumpannija rikorrenti tilqa' fiha eluf kbar ta' klijenti li juzaw is-servizzi ta' online casino gaming ipprovduti mis-sit eletroniku ta' Casino Club.

Illi s-software li prezentement jintuza mill-kumpannija rikorrenti sabiex tkun tista' tipprovdi servizzi ta' online casino gaming mis-sit tal-Casino Club huwa pprovdut mill-kumpannija intimata Boss Media Malta Casino Ltd permezz ta' ftehim (jew Software Licence Agreement) datat 27 ta' Marzu 2009 li sar bejn Boss Media Malta Casino Ltd u Gaming VC Corporation Limited (Dok GVC1.) u li ssostitwixxa ftehim precedenti li kien jezisti bejn Boss Media AB u GVC Corporation BV, socjeta' estera rregistrata n-Netherlands Antilles, kumpannija sussidjarja ta'Gaming VC Holdings SA, liema ftehim kien datat 21 ta' Dicembru 2004.

Illi l-kumpannija rikorrenti Boss Media Malta Casino Ltd hija wkoll licenzjata mill-Awtorita' Maltija li tirregola l-loghob fuq l-internet (Lotteries and Gaming Authority jew LGA) permezz ta' Class 4 Licence li tawtorizza lil Boss Media Malta Casino Ltd toffri software lil operaturi ohra licenzjati gewwa Malta bhas-socjeta' rikorrenti.

Illi l-istess kuntratt suespost u datat 27 ta' Marzu 2009 jispecifika kif bhala hlas ghas-software u servizzi provduti minn Boss Media Malta Casino Ltd, il-kumpannija rikorrenti taghti parti mid-dhul iggenerat mill-operat ta' Casino Club (jew Net Gaming Revenue) lil Boss Media Malta Casino Ltd.

Illi permezz ta' l-istess kuntratt suespost datat 27 ta' Marzu 2009 l-obbligi ta' Boss Media Malta Casino Ltd huma garantiti minn Boss Media AB.

Illi l-kumpannija ntimata Boss Media Malta Casino Ltd hija kkontrollata mis-socjeta' Maltija Boss Holdings Limited (C37440), sussidjarja tal-kumpannija ntimata Boss Media AB, kumpannija rregistrata l-Isvezja u li tifforma parti mill-kumpannija Amerikana Gtech kif aktar spjegat fid-dokument mmarkat Dok GVC2.

Illi l-kumpannija Amerikana Gtech tikkontrolla wkoll fost ohrajn il-kumpannija estera St. Minver Ltd, kumpannija rregistrata gewwa Gibilta' li toffri servizzi ta' fully managed white label gaming services permezz ta' licenzja mahruga mill-Awtorita' ta' Gibilta' li tirregola l-loghob fuq l-internet u li permezz tal-istess licenzja l-kumpannija intimata St. Minver Ltd toffri soluzzjonijiet sabiex klijenti ta' St Minver ikunu jistghu joffru loghob fuq l-internet bil-brand jew marka specifika taghhom izda fejn l-operat u l-aspett regolatorju jibqghu taht ir-responsabbilita' ta' St Minver Ltd u ghalhekk il-klijenti ta' St Minver ikunu effettivament qed joperaw taht il-licenzja taghha.

Illi fil-bidu tas-sena 2007 il-kumpannija rikorrenti ma kienetx sodisfatta bil-kwalita' tas-servizzi li kienu qed jinghtaw lilha minghand il-kumpanniji ntimati kif ukoll bil-

kwalita’ tas-software pprovdut minnhom lir-rikorrenti u wara diskussjonijiet maghhom intlahaq ftehim fejn, fost affarijiet ohra, tnaqqsu l-ammonti ta’ hlasijiet ossija kummissjonijiet li kienu qed isiru fix-xahar lis-socjetajiet intimati u li f’dak iz-zmien kien jammontaw ghal madwar 600,000 Ewro fix-xahar.

Illi fl-istess zmien, minkejja li kien intlahaq dan il-ftehim gdid, is-socjeta’ rikorrenti baqghet mhix kuntenta bis-servizzi tal-kumpanniji ntimati u bdiet ghalhekk tfittex software suppliers ohra li setghu joffru s-servizzi u software bhal dawk li kienu qed jigu provduti lilha mill-kumpanniji ntimati ghall-ammonti ta’ flus inqas min dawk li kienet qed thallas u ghal livell ta’ servizz (jew Service Levels) ahjar.

Illi meta l-kumpanniji ntimati ntebhu illi l-kumpannija rikorrenti kienet bdiet tikkonsidra serjament li tieqaf tuza s-servizzi u s-software pprovduti mill-kumpanniji ntimati u tibda tuza servizzi u software ta’ haddiehor, b’dan illi is-socjetajiet intimati kienu f’din l-eventwalita’ se jitilfu l-introjtu sostanzjali li kien qed jigi generat minghand il-kumpannija rikorrenti, u specifikament parti min-Net Gaming Revenue tal-kumpannija rikorrenti, u liema introjtu kien direttament relatat mall-ammont ta’ flus li kienu jintefqu mill-klijenti tal-Casino Club u li jammontaw ghal ghexieren ta’ miljuni ta’ Ewro, il-kumpanniji intimati, flimkien ma’ terzi, b’mod abbuziv, illegali u sahansitra bi ksur tal-ligijiet kriminali tal-Pajjiz serqu l-klijentela ta’ Casino Club sabiex fl-eventwalita’ illi l-kumpannija rikorrenti kienet tieqaf tuza’ s-servizzi u software tal-kumpanniji intimati, dawn l-istess klijenti ma kienux jintilfu izda jibqghu jilghabu fuq online casinos operati b’sofware tal-kumpanniji ntimati bir-rizultat li l-kumpanniji ntimati jibqghu ghalhekk jippartecipaw fid-dhul ta’ flus li dawn il-klijenti kienu jiggeneraw matul il-loghob taghhom fuq dawn l-online casinos.

Illi dan l-agir min-naha tal-kumpanniji ntimati mhux biss kiser il-ligijiet generali tal-Pajjiz, kemm dawk civili u kummercjali kif ukoll dawk kriminali, izda kisru wkoll direttament l-obbligazzjonijiet kontrattwali li kienu jezistu

permezz tal-ftehim ezistenti bejnithom, minhabba li s-socjetajiet intimati illegalment abbuzaw u misapproprjaw mill-informazjoni kunfidenzjali u personali dwar il-klijenti ta' Casino Club,  u li ghaliha kellhom access shih u obbligazzjonijiet cari ta' kunfidenzjalita', sabiex dawn l-istess klijenti jkunu avvicinati u mhajjra jibdew jilghabu ma' online casinos ohra li juzaw is-servizzi u software ta' Boss Media Malta Ltd, fosthom online casinos li kienu operati minn St. Minver Ltd, kumpannija sussidjarja ta' GTECH, taht il-licenzja li St. Minver Ltd kellha mill-Awtoritajiet li jirregolaw il-loghob bl-internet f'Gibilta'. Kissru senjatament l-Artikolu numru 14 tal-ftehim datat 27 ta' Marzu 2009 fejn jintqal testwallment taht l-intestatura Customer Data and Privacy:

"14.1 Licensor agrees that any User data obtained by the Licensor in the course of providing the Casino Software shall be the property of Licensee only and Licensor has no right to access or use such data except as required to perform this Agreement. Provided that Licensor shall be responsible for any unauthorized disclosure, interception, modification, alteration, cancellation, initiation and unauthorized copying, replication or reproduction by any of its employees or persons otherwise responsible towards Licensor." (emfazi mizjuda)

Illi fl-istess ftehim u senjatament fl-Artikolu 17.2 tal-istess l-intimati kienu ntrabtu illi f'kaz ta' "acts of negligence, gross misconduct or willful or fraudulent breach of contract on Licensor's behalf….." il-limitation of liability imsemmi fl-istess Artikolu 17 mhux applikabbli sabiex il-kumpanniji ntimati f'dan il-kaz iknu responsabbli ghad-danni kollha li sofriet il-kumpannija rikorrenti minghajr ebda limitazjoni.

Illi ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li l-azzjonijiet illegali, abbuzivi u sahansitra kriminali li wettqu l-kumpanniji ntimati jew min minnhom jammontaw certament ghal-negligenza kif jammontaw ukoll bla dubbju

ghal gross misconduct u willful or fraudulent breach of contract.

Illi dan l-agir irregolari li wassal ghal telf kbir ta’ ghexieren ta’ miljuni ta’ Ewro mid-dhul li l-kumpannija rikorrenti kienet tiggenera mill-operat ta’ Casino Club sehh mis-sena 2008 u ghadu ghaddej sa’ llum irrespittivament mid-diversi drabi li l-kumpannija rikorrenti lmentat fuq dak li kien qed jigri u d-diversi assikurazzjonijiet fittizji li nghataw mill-kumpanniji ntimati li ma kien hemm l-ebda agir irregolari min-naha taghhom jew minn entitajiet jew persuni ohra li kienu taht ir-responsabbilita’ taghhom.

Illi dan l-agir tal-kumpanniji ntimati flimkien ma’ terzi wassal illi d-database li jinkludi d-dettalji ta’ eluf kbar ta’ klijenti ta’ Casino Club gie serjament kompromess bir-rizultat li minhabba t-telf li sofriet s’issa wassal ukoll sabiex il-valur finanzjarju tal-marka Casino Club gie danneggat b’mod irreparabbli.

Illi debitament interpellati s-socjetajiet intimati biex jaslu bonarjament ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnhom ikkagunati lill-kumpannija rikorrenti kif fuq intqal, mhux biss permezz ta’ ittri interpellatorji izda sahansitra wara laqghat gewwa Londra fejn l-intimati kienu rapprazentati wkoll mill-legali taghhom, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jittiehdu l-proceduri odjerni.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha s-socjeta rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat u deciz li bl-agir illegali taghhom is-socjetajiet intimati, jew min minnhom, u bi ksur tal-kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet fil-kuntratti fuq imsemmija kkagunaw danni massicci kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Qed jintalab ukoll li jigu likwidati l-imsemmija danni konsistenti fost affarijiet ohra f’telf ta’ profitti tal-passat, dawk prezenti u telf ta’ profitti futuri u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti u esperti nominandi, u li l-kumpannij intimati, jew min minnhom, jigu

kkundsannati jhallsu lill-kumpannija rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ukoll inġunti għas-subizzjoni u inkluzi l-ispejjez extra gudizzjarji li l-kumpannija rikorrenti kienet kostretta taghmel qabel intavolat dawn il-proceduri bl-intendiment li jsir ftehim bonarju u b’rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-kumpannija rikorrenti kontra dawk intimati jew min minnhom.

Rat ir-risposta  tas-socjeta’ intimate Boss Media AB fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti in kwantu t-talbiet attrici jirrigwardaw il-fatti u/jew pretensjonijiet li  huma naxxenti u/jew konsegwenzjali ghas-Software License Agreement tal-21 ta’ Dicembru 2004 li kien gie konkluz bejn Boss Media AB u GVC Corporation B.V. Illi kwalunkwe vertenza li tirresali ghall-fatti u/jew iz-zmien li kien regolat bil-ftehim hawn imsemmi u bejn persuni estranji ghal dawn il-proceduri jaqaw fil-komptenza esklussiva ta’ arbitri nominati kif kontemplat fl-imsemmi ftehim gewwa l-Isvezja quddiem l-Institute of the Stockholm Chamber of Commerce.

Illi r-rikors promotur ma jaghmel ebda distinzjoni bejn is-Software License Agreement li gie konkluz bejn Gaming VC Corporation Limited u Boss Media Malta Casino Ltd fis-27 ta’ Marzu 2009 u l-ftehim tal-21 ta’ Ottubru 2004 li gie konkluz bejn GVC Corporation B.V u Boss Media A.B. Il-ftehim tal-2004 huwa regolat bil-ligi Svediza u l-partijiet kontraenti ftehmu li kull vertenza bejniethom tigi riferita lil arbitri fl-Isvezja.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, is-socjeta istanti tirrizerva illi tikkontesta l-gurisdizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti ulterjorment f’kaz illi jigi deciz mill-arbitri fil-proceduri

arbitrali l-Isvezja illi l-partijiet kontraenti ghall-ftehim tal-2004 gew sostitwiti mis-socjeta attrici u dik eccippjenti, kif qed jigi avvanzat mis-socjeta GVC Corporation B.V. f'dawk il-proceduri.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, is-socjeta eccippjenti tichad kwalunkwe allegazzjoni ta' xi agir abusiv, illegali jew li b'ximod jikser xi pattijiet vigenti bejn il-partijiet. Kif ser jigi pruvat fil-kawza, fl-2008 kien hemm persuni li kienu registrati ma' Casino Club li gew avvicinati minn Metro Casino jew persuni affiljati ta' Metro Casino, li huwa kompetitur on-line fis-suq Germaniz, f'attentat biex dawn il-persuni li jilaghbu l-loghob on line ma' Casino Club jitilqu u jissiehbu ma' Matro Casino. Din l-iskema tidher li kienet orkestarata minn persuni li kienu impjegati jew b'ximod assocjati mal-istess Casino Club.

Illi Metro Casino kienet topera bis-sahha ta' License Agreement li kien gie konkluz mal-kumpannija St. Minver Ltd, kumpannija assosjcata ta' Boss Media AB. Illi fl-2008 u b'hekk qabel il-ftehim tas-27 ta' marzu 2009, kienu saru allegazzjonijiet da parti ta' GVC Corporation B.V., li hija parti kontraenti fil-ftehim tal-21 ta' Dicembru 2004, li Boss Media A.B. kienu jafu jew sahansitra nkoraggew l-allegat uzu illegali tad-data da parti ta' Metro Casino, liema allegazzjonijiet dejjem gew michdua minn Boss Media fl-aktar mod qawwi u kategoriku.

Illi l-ftehim tal-2004 gie segwit bil-ftehim tal-2009 li din id-darba sar bejn zewg kumpanniji li gew inkorporati f'Malta. Dan il-ftehim jirrizulta li huwa regolat bil-ligi ta' Malta u l-vertenzi bejn il-partijiet huma riferibbli lill-Qrati ta' Malta jew bi qbil bejn il-partijiet f'arbitragg skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 287.

Illi f'Dicembru 2009, St. Minver Ltd itterminat is-Software License Agreement relattiv ghal Metro Casino ghal ragunijiet ghal kollox estranji ghall-avvenimenti li avveraw ruhhom fl-2008. Wara dawn l-avvenimenti pero ir-

relazzjonijiet bejn il-grupp GVC u dak tal-Boss Media bdew jiddeterjoraw.

Illi mhuwiex car mir-rikors promotur ghall-liema atti jew omissjonijiet partikolari qed jigu allegati mis-socjeta attrici li jikkostitwixxu ksur tal-ftehim bejntiehom. Jidher pero illi l-kawza attrici hija bazata fuq fatti u avvenimenti li jirresalu ghall-2008 jigifieri qabel ma gie konkluz il-Software License Agreement tas-27 ta’ Marzu 2009 u b’hekk fi zmien meta kien ghadu in vigore il-ftehim tal-21 ta’ Dicembru 2004.

Illi fis-16 ta’ April 2010, inbdew proceduri ta’ arbitragg fl-Isvezja minn Boss Media AB kontra GVC Corporation B.V. u dan a tenur tal-klawasola arbitrali vigenti fil-ftehim tal-2004, u f’liema proceduri qed tintalab dikjarazzjoni li ebda vjolazzjoni tal-ftehim tal-2004 ma sehhet da parti ta’ Boss Media AB u li konsegwentement ma hemm l-ebda responsabbli ghad-danni imputabbli lill-istes Boss Media AB.

Illi l-ftehim tas-27 ta’ Marzu 2009 jobbliga biss lill-partijiet kontraenti u cioe lil GVC Corporation Ltd u lil Boss Media Malta Casino Ltd. Boss Media AB hija biss garanti f’dan il-ftehim.  Ghalhekk kwalunkwe allegazzjoni illi l-kumpanniji konvenuti huma b’xi mod jew iehor partijiet jew b’xi mod iehor obligati b’xi pattijiet tal-ftehim tas-27 ta’ Marzu 2009 huma ghal kollox zbaljati u zleali.

Illi f’kull kaz, is-socjeta eccippjenti jichdu kwalunkwe allegazzjoni li huma abbuzaw jew b’xi mod ikkommettew xi att ta’ mizappropriazzjoni ta’ data kunfidenzajli jew data personal ital-klienti ta’ Casino Club.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, in kwantu t-talbiet attrici huma ta‘ natura delittwali u bazati fuq fatti li avveraw ruhhom qabel ma gie redatt u konkluz il-ftehim tas-27 ta’

Marzu 2009, huma preskritti a tenur tal-artikli 2153 u/jew 2154 tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata Boss Media Malta Casino Limited fejn gie sottomess:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti in kwantu in kwantu it-talbiet attrici jirrigwardaw il-fatti u/jew pretensjonijiet li huma naxxenti u/jew konsegwenzjali ghas-Software License Agreement tal-21 ta’ Dicembru 2004 li kien gie konkluz bejn Boss Media AB u GVC Corporation B.V. Illi kwalunkwe vertenza li tirresali ghall-fatti u/jew iz-zmien li kien regolat bil-ftehim hawn imsemmi u bejn persuni estranji ghal dawn il-proceduri jaqaw fil-komptenza esklussiva ta’ arbitri nominati kif kontemplat fl-imsemmi ftehim gewwa l-Isvezja quddiem l-Institute of the Stockholm Chamber of Commerce.

Illi r-rikors promotur ma jaghmel ebda distinzjoni bejn is-Software License Agreement li gie konkluz bejn Gaming VC Corporation Limited u Boss Media Malta Casino Ltd fis-27 ta’ Marzu 2009 u l-ftehim tal-21 ta’ Ottubru 2004 li gie konkluz bejn GVC Corporation B.V u Boss Media A.B. Il-ftehim tal-2004 huwa regolat bil-ligi Svediza u l-partijiet kontraenti ftehmu li kull vertenza bejniethom tigi riferita lil arbitri fl-Isvezja.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, is-socjeta istanti tirrizerva illi tikkontesta l-gurisdizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti ulterjorment f’kaz illi jigi deciz mill-arbitri fil-proceduri arbitrali l-Isvezja illi l-partijiet kontraenti ghall-ftehim tal-2004 gew sostitwiti mis-socjeta attrici u dik eccippjenti, kif qed jigi avvanzat mis-socjeta GVC Corporation B.V. f’dawk il-proceduri.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, is-socjeta eccippjenti tichad kwalunkwe allegazzjoni ta’ xi agir abusiv, illegali jew li b’ximod jikser xi pattijiet vigenti bejn il-partijiet. Kif ser jigi pruvat fil-kawza, fl-2008 kien hemm persuni li kienu registrati ma’ Casino Club li gew avvicinati minn Metro Casino jew persuni  affiljati ta’ Metro Casino, li huwa kompetitur on-line fis-suq Germaniz, f’attentat biex dawn il-persuni li jilaghbu l-loghob on line ma’ Casino Club jitilqu u jissiehbu ma’ Matro Casino. Din l-iskema tidher li kienet orkestarata minn persuni li kienu impjegati jew b’ximod assocjati mal-istess Casino Club.

Illi Metro Casino kienet topera bis-sahha ta’ License Agreement li kien gie konkluz mal-kumpannija St. Minver Ltd, kumpannija assosjcata ta’ Boss Media AB. Illi fl-2008 u b’hekk qabel il-ftehim tas-27 ta’ marzu 2009, kienu saru allegazzjonijiet da parti ta’ GVC Corporation B.V., li hija parti kontraenti fil-ftehim tal-21 ta’ Dicembru 2004, li Boss Media A.B. kienu jafu jew sahansitra nkoraggew l-allegat uzu illegali tad-data da parti ta’ Metro Casino, liema allegazzjonijiet dejjem gew michdua minn Boss Media fl-aktar mod qawwi u kategoriku.

Illi l-ftehim tal-2004 gie segwit bil-ftehim tal-2009 li din id-darba sar bejn zewg kumpanniji li gew inkorporati f’Malta. Dan il-ftehim jirrizulta li huwa regolat bil-ligi ta’ Malta u l-vertenzi bejn il-partijiet huma riferibbli lill-Qrati ta’ Malta jew  bi qbil bejn il-partijiet f’arbitragg skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 287.

Illi f’Dicembru 2009, St. Minver Ltd itterminat is-Software License Agreement relattiv ghal Metro Casino ghal ragunijiet ghal kollox estranji ghall-avvenimenti li avveraw ruhhom fl-2008. Wara dawn l-avvenimenti pero ir-relazzjonijiet bejn il-grupp GVC u dak tal-Boss Media bdew jiddeterjoraw.

Illi mhuwiex car mir-rikors promotur ghall-liema atti jew omissjonijiet partikolari qed jigu allegati mis-socjeta attrici li jikkostitwixxu ksur tal-ftehim bejntiehom. Jidher pero illi l-kawza attrici hija bazata fuq fatti u avvenimenti li jirresalu

ghall-2008 jigifieri qabel ma gie konkluz il-Software License Agreement tas-27 ta' Marzu 2009 u b'hekk fi zmien meta kien ghadu in vigore il-ftehim tal-21 ta' Dicembru 2004.

Illi fis-16 ta' April 2010, nbdew procedure ta' arbitragg fl-Isvezja minn Boss Media AB kontra GVC Corporation B.V. u dan a tenur tal-klawasola arbitrali vigenti fil-ftehim tal-2004, u f'liema procedure qed tintalab dikjarazzjoni li ebda vjolazzjoni tal-ftehim tal-2004 ma sehhet da parti ta' Boss Media AB u li konsegwentement ma hemm l-ebda responsabbli ghad-danni imputabbli lill-istes Boss Media AB.

Illi l-ftehim tas-27 ta' Marzu 2009 jobbliga biss lill-partijiet kontraneit u cioe lil GVC Corporation Ltd u lil Boss Media Malta Casino Ltd. Boss Media AB hija biss garanti f'dan il-ftehim. Ghalhekk kwalunkwe allegazzjoni illi l-kumpanniji konvenuti huma b'xi mod jew iehor partijiet jew b'xi mod iehor obligati b'xi pattijiet tal-ftehim tas-27 ta' Marzu 2009 huma ghal kollox zbaljati u zleali.

Illi f'kull kaz, is-socjeta eccippjenti jichdu kwalunkwe allegazzjoni li huma abbuzaw jew b'xi mod ikkommettew xi att ta' mizappropriazzjoni ta' data kunfidenzajli jew data personal ital-klienti ta' Casino Club.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, in kwantu t-talbiet attrici huma ta ' natura delittwali u bazati fuq fatti li avveraw ruhhom qabel ma gie redatt u konkluz il-ftehim tas-27 ta' Marzu 2009, huma preskritti a tenur tal-artikli 2153 u/jew 2154 tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intmata tas-socjeta' intimata St. Minver Limited fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti :-

Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu in kwantu it-talbiet attrici jirrigwardaw il-fatti u/jew pretensjonijiet li huma naxxenti u/jew konsegwenzjali ghas-Software License Agreement tal-21 ta' Dicembru 2004 li kien gie konkluz bejn Boss Media AB u GVC Corporation B.V. Illi kwalunkwe vertenza li tirresali ghall-fatti u/jew iz-zmien li kien regolat bil-ftehim hawn imsemmi u bejn persuni estranji ghal dawn il-proceduri jaqaw fil-komptenza esklussiva ta' arbitri nominati kif kontemplat fl-imsemmi ftehim gewwa l-Isvezja quddiem l-Institute of the Stockholm Chamber of Commerce.

Illi r-rikors promotur ma jaghmel ebda distinzjoni bejn is-Software License Agreement li gie konkluz bejn Gaming VC Corporation Limited u Boss Media Malta Casino Ltd fis-27 ta' Marzu 2009 u l-ftehim tal-21 ta' Ottubru 2004 li gie konkluz bejn GVC Corporation B.V u Boss Media A.B. Il-ftehim tal-2004 huwa regolat bil-ligi Svediza u l-partijiet kontraenti ftehmu li kull vertenza bejniethom tigi riferita lil arbitri fl-Isvezja.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, is-socjeta istanti tirrizerva illi tikkontesta l-gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ulterjorment f'kaz illi jigi deciz mill-arbitri fil-proceduri arbitrali l-Isvezja illi l-partijiet kontraenti ghall-ftehim tal-2004 gew sostitwiti mis-socjeta attrici u dik eccippjenti, kif qed jigi avvanzat mis-socjeta GVC Corporation B.V. f'dawk il-proceduri.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, is-socjeta eccippjenti tichad kwalunkwe allegazzjoni ta' xi agir abusiv, illegali jew li b'ximod jikser xi pattijiet vigenti bejn il-partijiet. Kif ser jigi pruvat fil-kawza, fl-2008 kien hemm persuni li kienu registrati ma' Casino Club li gew avvicinati minn Metro Casino jew persuni affiljati ta' Metro Casino, li huwa kompetitur on-line fis-suq Germaniz, f'attentat biex dawn il-persuni li jilaghbu l-loghob on line ma' Casino

Club jitilqu u jissiehbu ma’ Matro Casino. Din l-iskema tidher li kienet orkestarata minn persuni li kienu impjegati jew b’ximod assocjati mal-istess Casino Club.

Illi Metro Casino kienet topera bis-sahha ta’ License Agreement li kien gie konkluz mal-kumpannija St. Minver Ltd, kumpannija assosjcata ta’ Boss Media AB. Illi fl-2008 u b’hekk qabel il-ftehim tas-27 ta’ marzu 2009, kienu saru allegazzjonijiet da parti ta’ GVC Corporation B.V., li hija parti kontraenti fil-ftehim tal-21 ta’ Dicembru 2004, li Boss Media A.B. kienu jafu jew sahansitra nkoraggew l-allegat uzu illegali tad-data da parti ta’ Metro Casino, liema allegazzjonijiet dejjem gew michdua minn Boss Media fl-aktar mod qawwi u kategoriku.

Illi l-ftehim tal-2004 gie segwit bil-ftehim tal-2009 li din id-darba sar bejn zewg kumpanniji li gew inkorporati f’Malta. Dan il-ftehim jirrizulta li huwa regolat bil-ligi ta’ Malta u l-vertenzi bejn il-partijiet huma riferibbli lill-Qrati ta’ Malta jew bi qbil bejn il-partijiet f’arbitragg skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 287.

Illi f’Dicembru 2009, St. Minver Ltd itterminat is-Software License Agreement relattiv ghal Metro Casino ghal ragunijiet ghal kollox estranji ghall-avvenimenti li avveraw ruhhom fl-2008. Wara dawn l-avvenimenti pero ir-relazzjonijiet bejn il-grupp GVC u dak tal-Boss Media bdew jiddeterjoraw.

Illi mhuwiex car mir-rikors promotur ghall-liema atti jew omissjonijiet partikolari qed jigu allegati mis-socjeta attrici li jikkostitwixxu ksur tal-ftehim bejntiehom. Jidher pero illi l-kawza attrici hija bazata fuq fatti u avvenimenti li jirresalu ghall-2008 jigifieri qabel ma gie konkluz il-Software License Agreement tas-27 ta’ Marzu 2009 u b’hekk fi zmien meta kien ghadu in vigore il-ftehim tal-21 ta’ Dicembru 2004.
Illi fis-16 ta’ April 2010, nbdew procedure ta’ arbitragg fl-Isvezja minn Boss Media AB kontra GVC Corporation B.V. u dan a tenur tal-klawasola arbitrali vigenti fil-ftehim tal-2004, u f’liema procedure qed tintalab dikjarazzjoni li ebda vjolazzjoni tal-ftehim tal-2004 ma sehhet da parti ta’

Boss Media AB u li konsegwentement ma hemm l-ebda responsabbli ghad-danni imputabbli lill-istes Boss Media AB.

Illi l-ftehim tas-27 ta' Marzu 2009 jobbliga biss lill-partijiet kontraneit u cioe lil GVC Corporation Ltd u lil Boss Media Malta Casino Ltd. Boss Media AB hija biss garanti f'dan il-ftehim. Ghalhekk kwalunkwe allegazzjoni illi l-kumpanniji konvenuti huma b'xi mod jew iehor partijiet jew b'xi mod iehor obligati b'xi pattijiet tal-ftehim tas-27 ta' Marzu 2009 huma ghal kollox zbaljati u zleali.

Illi f'kull kaz, is-socjeta eccippjenti jichdu kwalunkwe allegazzjoni li huma abbuzaw jew b'xi mod ikkommettew xi att ta' mizappropriazzjoni ta' data kunfidenzajli jew data personal ital-klienti ta' Casino Club.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, in kwantu t-talbiet attrici huma ta ' natura delittwali u bazati fuq fatti li avveraw ruhhom qabel ma gie redatt u konkluz il-ftehim tas-27 ta' Marzu 2009, huma preskritti a tenur tal-artikli 2153 u/jew 2154 tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata estera GTECH fejn gie sottomess:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti :-

Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu fil-konfront tal-istess kumpanija, it-talbiet attrici ma jinkwadrawx ruhhom fis-sub incizi tal-artiklu 742 tal-Kap. 12.

Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta' relazzjoni giuridika bejn is-socjeta attrici u l-kumpannija eccippjenti GTECH.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, is-socjeta eccippjenti tichad kwalunkwe allegazzjoni ta' xi agir

abusiv, illegali jew li b'xi mod jikser xi pattijiet vigenti bejn il-partijiet.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, in kwantu t-talbiet attrici huma ta' natura delittwali u bazati fuq fatti li avveraw ruhhom qabel ma gie redatt u konkluz il-ftehim tas-27 ta' Marzu 2009, huma preskritti a tenur tal-artikli 2153 u/jew 2154 tal-Kodici Civili.

Rat in-nota tas-socjeta' rikorrenti tad-29 ta' Novembru 2010 li biha l-istess socjeta' rikorrenti esibit nota ta' sottomissjonijiet taghha kif ukoll is-sottomissjonijiet li saru quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg  Svediz.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010 minn fejn jirrizulta li s-socjeta' intimata G Tech specifikat li hi ukoll qed tissolleva l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti pero' fuq bazi differenti mill-istess eccezzjoni kif sollevata mill-intimati l-ohra.

Semghet lix-xhud Michael Bennett imsejjah mis-socjetajiet intimati.

Rat in-nota tas-socjetajiet intmati tal-25 ta' Jannar 2011 li biha gew esibiti kopja tas-sottomissjonijiet miktuba li saru mis-socjeta intimata Boss Media AB fl-imsemmija proceduri tal-Arbitragg li qed isiru l-Isvezia.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjetajiet intimati dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li li tiehu konjizzjoni tat-talbiet kif dedotti mis-socjeta' rikorrenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' rikorrenti rigwardanti l-imsemmija eccezzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tas-socjetajiet intimati.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u l-hafna dokumenti li gew esibiti.

Semghet it-trattazzzjoni orali tal-abbli difensuri rispettivi tal-partijiet dejjem fir-rigward tal-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tigi deciza l-eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni.

Ikkonsidrat:-

Ovvjament bil-presenti sentenza qed tigi deciza biss l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tittratta u tiddeciedi din il-kawza kif sollevata minn kull socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' rikorrenti jew ahjar dik attrici, li hi inkorporata lokalment, tippremetti li hi debitament licenzjata mill-Awtorita' lokali (Lotteries and Gaming Authority jew LGA) biex tipprovdi servizzi ta' loghob ta' online casino permezz ta' l-internet fost ohrajn taht il-marka Casino Club. Tippremetti ukoll li l-imsemmija marka ghandha eluf kbar ta' klijenti li juzaw is-servizzi offerti mis-socjeta' attrici. Is-software li jintuza sabiex jigi provdut is-servizz ta' online casino gaming huwa pprovdut mill-kumpannija konvenuta Boss Media Malta Casino Ltd u dan in virtu' ta' ftehim tas-27 ta' Marzu 2009. Fir-rikors promotur is-socjeta rikorrenti tkompli biex tispjega kif il-kumpaniji konvenuti huma konnessi ma xulxin u kif l-istess socjeta' attrici tippretendi li l-istess kumpaniji konvenuti huma resposabbli fil-konfront taghha fil-kwestjonijiet meritu ta' dawn il-proceduri.

Is-socjeta' attrici tispjega li fil-bidu tas-sena 2007 hi ma kienetx sodisfatta bil-kwalita' tas-servizzi li kienu qed jinghtaw lilha minghand il-kumpanniji konvenuti kif ukoll bil-kwalita' tas-software pprovdut minnhom u wara diskussjonijiet intlahaq ftehim fejn, fost affarijiet ohra, tnaqqsu l-ammonti ta' hlasijiet ossija kummissjonijiet li kienu qed isiru fix-xahar. Nonostante li intlahaq dan il-ftehim is-soċjetà attrici baqghet mhux sodisfata bis-servizzi offerti mil-kumpanniji konvenuti u ghalhekk bdiet tfittex software suppliers ohra. Skond is-socjeta' attrici meta l-kumpanniji konvenuti ndunaw li s-socjeta attrici

kienet qed taghmel hekk, l-istess socjetajiet konvenuti, flimkien ma’ terzi, b’mod abbuziv, illegali u sahansitra bi ksur tal-ligijiet kriminali tal-Pajjiz serqu l-klijentela ta’ Casino Club sabiex fl-eventwalita’ illi s-socjeta’ attrici tieqaf tuza’ s-servizzi u software tal-kumpanniji konvenuti, dawn l-istess klijenti ma kienux jintilfu izda jibqghu jilghabu fuq online casinos operati b’sofware tal-kumpanniji konvenuti bir-rizultat li l-kumpanniji konvenuti jibqghu ghalhekk jippartecipaw fid-dhul ta’ flus li dawn il-klijenti kienu jiggeneraw matul il-loghob taghhom fuq l-online casinos.

Is-socjeta’ attrici ssostni li dan l-agir tal-kumpanniji konvenuti imur kontra l-ligijiet generali tal-Pajjiz, inkluzi dawk kriminali kif ukoll direttament imur kontra l-obbligazzjonijiet kontrattwali kif kontratti mill-partijiet u senjatament fl-artikolu 14 tal-imsemmi ftehim datat 27 ta’ Marzu 2009. Is-socjeta’ attrici tirrileva li dan l-agir irregolari tas-kumpaniji konvenuti wassal ghal telf kbir ta’ ghexieren ta’ miljuni ta’ Ewro mid-dhul li s-socjeta’ attrici kienet tiggenera mill-operat ta’ Casino Club u dan b’sehh mis-sena 2008 u ghadu ghaddej sa’ llum. Dan l-agir wassal ukoll li d-database li jinkludi d-dettalji ta’ eluf kbar ta’ klijenti ta’ Casino Club gie serjament kompromess bir-rizultat li minhabba t-telf li sofriet s’issa wassal ukoll sabiex il-valur finanzjarju tal-marka Casino Club gie danneggat b’mod irreparabbli.

Fuq dawn il-premessi s-socjeta’ attrici qed titlob li jigi dikjarat li bl-imsemmi agir tal-kumpanniji konvenuti, jew min minnhom, gew kagunati danni kbar lis-socjeta’ attrici u ghalhekk uis-socjeta’ attrici qed titlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li konsegwentement il-kumpanji konvenuti, jew min minnhom; jigu kkundannati jhallsu d-danni kif likwidati lis-socjeta’ attrici.

Il-kupaniji konvenuti Boss Media, Boss Media AB u St. Minver fl-ewwel lok eccipew in-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni ta’ din il-Qorti peress li t-talbiet attrici jirrigwardaw pretensjonijiet naxxenti mis-Software License Agreement tal-21 ta’ Dicembru 2004 li kien gie konkluz bejn Boss Media AB u GVC Corporation B.V. u kwalunkwe vertenza

li tirresali ghall-fatti li sehhew fiz-zmien regolat bl-imsemmi ftehim jaqaw fil-komptenza esklussiva ta' arbitri nominati kif kontemplat fl-imsemmi ftehim gewwa l-Isvezja. Il-kumpnija konvenuta G Tech ukoll eccipiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, pero' fuq il-premessa li t-talbiet attrici fil-konfront taghha ma jinkwadrawx ruhhom fis-sub incizi tal-artiklu 742 tal-Kap.12.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali.</u>**

Din hi azzjoni ghad-danni fejn is-soċjetà attrici qed titlob mingħand il-kumpaniji konvenuti l-ħlas ta' flus f'danni allegatament ikkawżati lilha mis-serq tal-client data base tas-soċjetà attrici. Fl-ewwel lok ser tigi trattata l-ewwel l-eccezzjoni tan-nuqqas ta guisdizzjoni kif sottomessa mil-kumpaniji konvenuti Boss Miedia AB, Boss Media Malta Casino Limited u St. Minver Limited. Dawn il-kumpaniji jimmotivaw l-imsemmija eccezzjoni taghhom kif gej – "fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu it-talbiet attrici jirrigwardaw il-fatti u/jew pretensjonijiet li huma naxxenti u/jew konsegwenzjali ghas-Software License Agreement tal-21 ta' Dicembru 2004 li kien gie konkluz bejn Boss Media AB u GVC Corporation B.V. L-imsemmija Kumpaniji konvenuti jkomplu jissottomettu li kwalunkwe vertenza li tirresali ghall-fatti jew iz-zminijiet regolati bil-ftehim imsemmi u bejn persuni estranji ghal dawn il-proceduri jaqaw fil-kompetenza esklussiva ta' arbitri nominati kif kontemplat fl-imsemmi ftehim gewwa l-Isvezja quddiem l-Institute of the Stockholm Chamber of Commerce." Ikomplu billi jissottomettu - "Illi r-rikors promotur ma jaghmel ebda distinzjoni bejn is-Software License Agreement li gie konkluz bejn Gaming VC Corporation Limited u Boss Media Malta Casino Ltd fis-27 ta' Marzu 2009 u l-ftehim tal-21 ta' Ottubru 2004 li gie konkluz bejn GVC Corporation B.V u Boss Media A.B. Il-ftehim tal-2004 huwa regolat bil-ligi Svediza u l-partijiet kontraenti ftehmu li kull vertenza bejniethom tigi riferita lil arbitri fl-Isvezja."

Kwindi, l-imsemmija kumpaniji konvenutui qed jissottomettu illi l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet dedotti mis-socjeta attrici għab-

bażi tal-kondizzjoni arbitrali kif kontenuta fil-ftehim datat 21 ta' Dicembru 2004 (Fol 260, Vol 2).

Mill-ewwel ghandu jigi rilevat li l-istess ftehim tal-2004 ma sarx bejn is-soċjetajiet li huma parti f'din il-kawża. Il-ftehim tal-21 ta' Diċembru 2004 huwa ftehim iffirmat bejn Boss Media AB u GVC Corporation BV. Kien biss sussegwentament għal dan il-ftehim tal-2004 illi twaqqfu dawn is-soċjetajiet ġewwa Malta, sabiex ir-relazzjoni ta' negozju li kienet għaddejja bejn il-parent companies firmatarji għall-ftehim tal-2004 tkompli ssehh bejn is-soċjetajiet taghhom inkorporati f' Malta u li huma parti fil-kawża odjerna.

Hawnhekk trid issir referenza għat-transfer agreement tal-2007 (Vol 3 fol 679). In effett  dwar dan it-Transfer Agreement il-partijiet mhux qiegħdin jikkontestaw il-fatt li permezz tieghu ġie trasferit, fost affarijiet oħrajn, is-Software License Agreement oriġinarjament iffirmat bejn il-"parent companies."  Kwindi permezz ta' dan il-ftehim li hu intitolat "GVC Malta Transfer Agreement" seħħ it-trasferiment tas-Software License Agreement lil Boss Malta Casino u lil GVC Malta, mingħand Boss u GVC Corporation rispettivament u dan il-ftehim sar jorbot lill-partijiet fil-kawża odjerna.

Kwindi, in vista ta' dan kollu, l-kumpaniji konvenuti jirritjenu li l-imsemmi ftehim tal-2004, bil-klawsola arbitrali fih, beda issa jorbot lilhom u lis-soċjetà attrici, li da parti tagħha, issostni li huwa l-ftehim tal-2009 li jorbot lill-partijiet u li l-istess ftehim tal-2009 ma jinkludux fih il-klawsola arbitrali u dan peress li effettivament dan l-ahhar ftehim ħassar il-ftehim precedenti u cioe' dak tal-2004. Għal din is-sottomissjoni l-kumpamiji konvenuti jirrispondu li fil-ftehim tal-2009 il-partijiet firmatarji bl-ebda mod ma urew l-intenzjoni li jħassru l-ftehim tal-2004.

F'dan ir-rigward is-soċjetà attrici taghmel ukoll referenza ghall-kunċett ta' novazzjoni u tissottometti li bl-aġir tagħhom u bid-diversi komunikazzjonijiet li sehhew bejn il-partijiet kif ukoll bit-trasferiment tal-2007, seħħet in-novazzjoni tal-kuntratt tal-2004, u li nħoloq qafas ġdid ta'

obbligazzjonijiet bejn is-soċjetà attrici u l-kumpaniji konvenuti. Da parti taghhom il-kumpaniji konvenuti jgħidu illi n-novazzjoni ma tirriżultax ippruvata kemm fattwalment u lanqas legalment. Il-kumpaniji konvenuti jirrilevaw li ma hemmx novazzjoni għaliex l-obbligazzjoni ma ġietx estinta u li effettivament il-ftehim tal-2004 kien intiż sabiex jirregola l-operat tal-Casino Club kif ukoll ir-"Russian Casino". Il-Casino Club ġie trasferit lejn Malta u r-Russian Poker baqa' barra minn Malta. Kwindi, skond l-istess kumpaniji konvenuti, l-operat dwar is-suq Russu baqa' jigi gestit fl-ambitu tal-kuntratt originali tal-2004 bejn GVC Netherlands Antilles u Boss Sweden.

Raġuni oħra li giet sollevata mill-kumpaniji konvenuti ghaliex għandu japplika l-ftehim tal-2004 hija illi l-ftehim tal-2009 għandu japplika biss għall-futur. F'dan ir-rigward l-istess kumpaniji konvenuti jissottomettu ukoll li s-soċjetà attriċi tallega li "fil-bidu tas-sena 2007" hija ma kienetx sodisfatta bil-kwalita tas-servizzi li kienu qed jinghataw lilha minghand il-kumpanniji konvenuti u ghalhekk hija bdiet tfittex software suppliers ohra li setghu joffru s-servizzi u software bhal dawk li kienu qed jigu provduti lilha mill-kumpanniji konvenuti. Meta l-istess kumpanniji konvenuti ndunaw li s-socjeta' attrici bdiet tikkonsidra li tieqaf tuza s-servizzi pprovduti mill-kumpanniji konvenuti u tibda tuza servizzi ta' terzi, il-kumpanniji konvenuti flimkien ma' terzi, serqu l-klijentela ta' Casino Club cioe' tas-socjeta' attrici. Inoltre l-kumpaniji konvenuti jkomplu jissottomettu illi kienet is-soċjetà attrici stess li sostniet fir-rikors promotur li l-agir irregolari beda isehh mis-sena 2008 u ghadu ghaddej sa' llum. Kwindi il-kupaniji konvenuti kkonkludew li jekk il-ftehim tal-2009 jiġi applikat għal dawn l-atti li seħħew fl-2007 u fl-2008 tkun qed tingħata lil dan il-ftehim tat-2009 effett retroattiv. Il-kumpaniji konvenuti jagħmlu referenza għal dak li gie miftehem fl-istess ftehim tal-2009, fejn ġie miftiehem hekk - "This Agreement shall be effective when it is signed by both Parties and shall be effective until the 30$^{th}$ June 2012 and shall be automatically renewable for an indefinite term subject however to the provisions of clauses 15.2 and 15.3 below."

Kwindi, il-kumpaniji konvenuti qed isostnu illi ġaladarba fi kliem is-soċjetà attrici stess, l-atti u l-fatti rilevanti ġraw qabel ma ġie iffirmat il-ftehim tal-2009, u ġaladarba fil-ftehim tal-2009 ġie miftiehem li dan huwa ftehim li għandu japplika ghall-quddiem, fil-mument meta seħħew l-atti kien għadu japplika bejn il-partijiet il-ftehim tal-21 ta' Diċembru 2004. L-istess kumpaniji konvenuti jkomplu jsostnu li huma l-effetti biss tal-aġir illegali li għadu għaddej sal-ġurnata ta' llum u mhux l-atti li allegatament twettqu b'mod irregolari.

Minn dana kollu jidher li l-konrestazzjoni bejn il-partijiet hi dwar jekk għandux japplika l-fthim tal-2004 bil-klawsola arbitrali jew dak tal-2009 mingħajr tali klawsola arbitrali.

F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li qabel ma ġie ffirmat il-ftehim tas-27 ta' Marzu 2009, is-soċjetà rikorrenti kellha suspetti u biża illi l-kumpaniji konvenuti kienu qed jagħmlu użu ħażin mill-informazzjoni dwar il-"client data base" tas-soċjetà attrici. Pero, il-kumpaniji konvenuti kienu jassigura lis-socjeta' attrici li minn dan ma kien hemm xejn. Kwindi sa' dak il-mument, jista jingħad li s-soċjetà attrici ma ħassitx li kien hemm il-bzonn li jittiehdu xi proceduri ta' kwalunkwe xorta kontra l-kumpaniji konvenuti. Ġara illi wara li ġie iffirmat l-imsemmi ftehim tal-2009, bdew jiżdiedu s-suspetti tas-soċjetà attrici li seta kien hemm xi attività illegali da parti tal-kumpaniji konvenuti. In effett dan wassal għal laqgħat li saru bejn il-partijiet. Ġara ukoll illi Boss Media AB bdiet proċeduri tal-arbitraġġ fl-Isvezja kontra GVC Corporation BV (hawnhekk irid jingħad illi l-partijiet f'arbitraġġ ġewwa l-Isvezja huma differenti mill-partijiet quddiem din il-Qprti fil-presenti proceduri).

L-allegati atti dannużi komplew, u b'hekk is-soċjetà attrici tippretendi li soffriet id-dannu. Kwindi is-soċjetà attrici ma kienetx f'posizzjoni li tfittex għad-danni lis-soċjetajiet intimati qabel l-2009 għab-bażi ta' suspetti, u kienet lesta li tmexxi ġudizzjarjament wara l-2009. Ġaladarba s-socjeta' attrici għażlet li tibda proceduri wara l-2009, għamlet sewwa li fittxet taħt dak il-ftehim tal-2009. Inoltre, dawn huma atti li għalkemm bdew qabel l-2009, komplew iseħħu anke wara illi dan l-imsemmi ftehim tal-2009 daħal

fis-seħħ. Kwindi jingħad illi dawn l-atti li allegatment ikkreaw danni lis-soċjetà attriċi huma atti kontinwi. Hawnhekk jiġi osservat illi kieku għall-grazzja tal-argument kellha tintlaqa' t-teżi tal-intimati, u ċioe illi għandu japplika l-ftehim tal-2004, issarraf fis-sitwazzjoni xejn prattika fejn is-soċjeta attriċi jkollha tfittex lis-soċjetajiet konvenuti għall-atti li allegatament ġraw qabel l-2009 quddiem it-Tribunal Arbitrali Svediż u għall-atti li allegatament ġraw wara l-2009 quddiem il-Qrati Maltin.

Hawnhekk issir referenza għall-Klawsola 1.8 u 1.9 tat-Transfer Agreement li jistipulaw – "Notwithstanding anything to the contrary in the Agreements, from the day of the transfer of the relevant software and player accounts according to the above, the Agreements shall be subject to the Laws of Malta." "The Agreements as varied by this Transfer Agreeemnt, shall remain in full force and effect." Dawn il-klawsoli jindikaw b'mod car l-intenzjoni tal-partijiet illi wara t-trasferiment li sar permezz tat-Transfer Agreement, is-Software License Agreement tal-2004 ukol kellu jkun suġġett għall-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha u peress illi l-preżenti hija kawża għad-danni li jirriżultaw mill-allegat ksur tal-klawsola 14 tal-imsemmi ftehim tal-2009 fejn toħroġ ċara l-intenzjoni tal-partijiet senjatament fil-klawsola 21 li tistipula illi "this Agreement and all matters relating thereto shall be construed and controlled by the laws of Malta." Ghalhekk jista jigi konkluż li m'għandhomx raġun il-kumpaniji konvenuti jgħidu li dawn il-proceduri jaqaw fil-kompetenza esklussiva ta' arbitri gewwa l-Isvezja quddiem l-Institute of the Stockholm Chamber of Commerce. Kwindi l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta gurisdizzjoni tal-konveniuti Boss Media Malta Casino Ltd, Boss Media AB u St Minver timmerita li tiġi miċħuda.

Dwar l-istess eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni kif sollevata mis-socjeta' konvenuta G Tech ghandu jinghad li l-imsemmija socjeta (G Tech) hi socjeta' inkorporata fl-Istati Uniti tal-Amerika u tikkontrolla ukoll fost ohrajn il-kumpannija konvenuta estera St. Minver Ltd, li hi ukoll inkorporata barra minn Malta u li toffri soluzzjonijiet sabiex

klijenti taghha ikunu jistghu joffru loghob fuq l-internet bil-brand jew marka specifika taghhom izda fejn l-operat u l-aspett regolatorju jibqghu taht ir-responsabbilita’ ta’ St Minver Ltd u ghalhekk il-klijenti ta’ St Minver ikunu effettivament qed joperaw taht il-licenzja taghha. Effettivament il-kumpanija konvenuta G Tech teccepixxi n-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni ta’ din il-Qorti in kwantu fil-konfront taghha t-talbiet attrici ma jinkwadrawx ruhhom fis-sub incizi tal-artiklu 742 tal-Kap.12.

In effett jirrizulta li l-kumpanija G Tech hi estranea għall-ftehim tal-2004. La l-ftehim tal-2004 u lanqas it-Transfer Agreement u l-ftehim tal-2009 ma jagħmlu referenza għall-istess kumpanija konvenuta. L-artikolu 1001 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li “il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta’ ħsara jew ta’ ġid għall-ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi.” B’applikazzjoni ta’ dan il-provvediment għall-każ in ezami, hu evidenti illi l-kontrattazzjoni saret bejn is-soċjetà Boss Media AB u GVC Corporation BV, u sussegwentament għat-Transfer Agreement, il-kontrattazzjoni kellha effett bejn Boss Media Malta u GVC Corporation Ltd. Ovvjament is-soċjetà GTECH ma għandhiex tissubixxi l-konsegwenzi minn kontrattazzjoni li għaliha kienet estranea. Jinghad li, pero’ l-eccezzjoni in esami ta’ G Tech ma tirrigwardax din il-kwestjoni izda tirrigwarda il-kwestjoni jekk l-atti jew il-fatti in kwestjoni jinkwadrawx ruhhom taht xi weiehed mis-subartikoli tal-artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. In effett skond is-subartioli (1)(c)(d)(e) u (f) tal-artikolu 742 din il-Qorti ghandha ukoll gurisdizzjoni li tittratta u tiddeciedi l-kawza anke fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti G Tech u St. Minver.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi tiċħad l-eċċezzjoniijiet rigwardanti n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti kif sollevati mill-kumpaniji konvenuti kollha.

L-ispejjez kollha relattivi ghal din is-sentenza jithallsu mill-kumpaniji konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------